MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2369/2004

**Iris Pace**
**I.D. 282748(M)**

**Vs**

**Charles Baldacchino**
**I.D. 211868(M)**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250) rapprezentanti l-bilanc ta' ammont akbar misluf lill-konvenut mill-attrici, liema bilanc il-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li huwa dovut u minkejja li gie debitament interpellat sabiex ihallas.

Bl-imghax skond il-ligi sal-gurnata ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni li gie pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

a) Illi preliminarjament hemm l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal *rationae valoris*.

b) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz hu kontestat.

c) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din is-somma allegata hija dovuta, illum tinsab preskritta.

Sema' xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-9 ta' Mejju, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------